# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Francis Catania**

**Kumpilazzjoni Numru: 72/11**

**Illum, 29 ta' Mejju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francis Catania detentur tal-karta tal-identita` numru 938950M.

Akkuzat talli:

> F'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Mejju 2009, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd, u b'hekk naqas li ghamel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;
>
> Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, li minhabba l-kariga jew l-impieg tieghu, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, jew gieghel li d-delitt isir b'abbuz ta' awtorita` jew setgha, jew b'mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-

awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minghajr awtorizzazzjoni, installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja jew zied ma' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg, u dan bi hsara ghal xi funzjoni jew attivita` tal-Gvern, jew b'xi mod li jkun, tellef, gharraq jew interrompa l-oghti ta' xi servizz jew utilita` pubblici;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'abbuz ta' awtorita` jew setgha, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'abbuz ta' awtorita` jew setgha, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, halfu l-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita` ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat; karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraqhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-Artikoli tal-Avukat Generali datati hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru elfejn u hdax (2013) fejn huwa hass li ghandha tinstab htija taht l-Artikolu sub-citati u cioe`:

(a) Fl-artikoli 115 (c) u 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 185(1) u 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) Fl-artikoli 337C(1)(g), 337F(2) u 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) Fl-artikoli 188 u 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) Fl-artikoli 108(1) u 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) Fl-artikoli 127 u 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(g) Fl-artikoli 17, 23, 30, 31, 42 (a)(b)(d), 467(2) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti kif komposta;

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Frar elfejn u sittax (2016) u rega' ikkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jirregola ruhhu;

Semghet ix-xiehda tal-psikjatra Dr. Etienne Muscat datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju elfejn u hmistax (2015) fejn qal *inter alia:*

> "Difiza: Dr. Muscat inti lis-sur Catania tafu?
>
> Xhud: Iva nafu.
>
> Difiza: U kif tafu?
>
> Xhud: Gie ghandi professjonalment frajtu fit-two thousand and ten (2010) u fit-two thousand fifteen (2015).
>
> Difiza: Issa ha nurik a fol 206 certifikat mediku maghmul minnek ara tikkonfermahx?

Xhud: Yes nikkonfermah.

Difiza: Mela tista tispjega l-kontenut tieghu jekk joghgbok?

Xhud: Bazikament din kienet it-tieni darba li rajt lis-sur Catania, ghamilt nota l-ewwel nett illif it-two thousand and ten (2010) l-ewwel darba li kont rajtu kellu dak li kien jidher bhal stat dipressiv li kien reactive, jigifieri konsegwenza ta' cirkostanzi li kienu ghaddejjin fil-hajja tieghu u li kien qalli dak iz-zmien tat-two thousand and ten (2010) kienet tenzjonijiet fuq il-post tax-xoghol u fil-hajja personali tieghu kienu l-kawza tat-tenzjoni u eventwalment id-dipressjoni tieghu. Ktibt li t-tabib tal-familja tieghu kien rega talabni biex narah issa fit-two thousand and fifteen (2015) minhabba li kien rega beda sejjer lura b'disperament . . . fuq mewt u suwicidju u qtuh ta' qalb. Hu li kien qalli li fis-sentejn, tliet snin ta' qabel li ezaminajtu jien kien 2 baqa' sejjer progressivament lura, li kien qata' qalbu, li kien helpless, jigifieri hasslu unitli, neffettiv u li kien tilef sens ta' hajja u speranza. Bhala biex nghid hekk il-kontroll ta' dan il-mood state kien qieghed jorqod hazin, ma jorqodx tajjeb, ma jikkoncentrax tajjeb, jewden il-hin kollu, kien qieghed jewden biex nuza l-kelma tieghu framed u li kien qieghed jigi ttargitjat fuq livell personali. Jigifieri dawn kienu c-cirkostanzi li kienu surrounding l-istat dipressiv. Jiena ktibt li minhabba li dawn kienu stresses li kienu on going bazikament ma setax jirkupra minnhom. Ghamilt nota illi hu qatt ma accetta illi jiehu medicina ghall-istat dipressiv pero' hass li kien wasal bhala final hope u allura jien tajtu parir li jiehu xi medicina u li rrikkmandajtlu li jbiddel ftit minn certu habits li kien qieghed jizviluppa li kien qieghed imur ic-cimiterju kulljum, li qieghed jaqsam it-triq b'mod non xalant, biex ibiddel ftit mill-atteggjamenti tieghu li ma kienux posittivi jien hsibt.

Qorti: Dottore dawn l-affarijiet li qed tghidli issa . . .

Xhud: Kollox fuq ic-certifikat.

Qorti: Ehe pero' huma dak li qallek l-imputat jew dak li stajt inti tirriskontra permezz ta' ezamijiet li taghmel inti?

Xhud: Mela d-dettal biex nghid hekk ta' x'jaghmel jew x'haseb dak nista niehdu biss biex nghid hekk mill-interventi tieghu, pero' jiena milli rajt b'ghajnejja li kien jidher iddeterjorat mqabbel ma kif kont rajtu ftit snin qabel u fis-session mieghi jien kont ghamilt nota *he is distraught and fearful*, jigifieri l-apparenza tieghu kiene taqbel ma l-istorja li kien qieghed jaghtini, jigifieri l-apparenza ta' mbikkem u ta' distracted dawka kienu konsistenti ma li kien qieghed jghidli. L-iktar haga li ghamilt nota fin-nota tieghi li laqtitni kienet li kien hemm phobia, jigifieri kien hemm biza' esegerata u over riding li jispicca l-habs, dik kienet l-iktar haga li

jidhirli li kienet l-issue principali li kienet qisha undermining all his mental state.

Qorti: Kien qallek minn xiex kienet originat din paranoia li kellu?

Xhud: Hu kien qalli pero' ma ghamiltx nota ma nistax niftakar x'kienet, nghid il-verita ma dhaltx daqshekk fiha din it-tieni darba, l-ewwel darba nahseb ghandi nota. Ghandi nota li akkuzi ta' frodi jew suspetti ta' frodi.

Difiza: Issa Dr. Muscat naqblu li l-paranoia kienet . . .

Xhud: Halli nhalluha barra dik il-kelma l-istat mentali. 3

Difiza: All right l-istat mentali tieghu jew din il-phobia li jmur il-habs kienet qed taffettwah b'mod fizikament u anke mentalment lilu li kienet . . . hsara ghal din id-dipressjoni qawwija?

Xhud: Ic-cirkostanzi, c-cirkostanzi jiena rriskontrajt zewg qisu sitwazzjonijiet psikologici wahda hija d-dipressjoni u l-ohra hija dik il-biza' estrem li hija phobia, jigifieri t-tnejn kienu co-existing.

Difiza: Naqblu jigifieri li din affettwatu din il-phobia ta' kulljum jigifieri?

Xhud: Jekk inti ghandek sitwazzjoni fejn ghandek kundizzjoni psikjatrika by defenition taffettwak kulljum. Jigifieri l-issue li jiena nixtieq nispecifika hija illi its one thing li jkollok reazzjoni ghal, jigifieri jekk jiena nkun f'cirkostanza li hemm xabla fuq ghonqi ovjament m'iniex se nkun seren, pero' bejn dik in-nuqqas ta' serenita u bejn phobia hemm qabza ghaliex phobia tkun grad iktar gholja li tkun tahkimlek il-guranta kollha.

Difiza: Issa inti ghidtilna li rajtu darbtejn, naqblu li t-tieni darbar ajt li s-sur Catania mentalment . . .

Xhud: Hekk deher, deher li mar lura.

Difiza: Deher li mar lura hafna.

Xhud: Deher li mar significantly lura.

Pros: Id-domanda m'ghandix issir hekk, id-domanda ghandha ssir jekk rax progress jew le.

Qorti: U ga qal li physically ra, jigifieri hemm differenza bejn ra physically u xi haga ohra, jigifieri fizikament ha nghidu hekk kullhadd jista jidher shaggy

Difiza: Hekk hu pero' nimmagina esperjenza Dr. Muscat, irrizultalu jigifieri li mar lura.

Xhud: Jiena dehrli li kien deterjorat.
Difiza: Xejn izjed.

Pros: Inti kemm ilek tarah lis-sur Catania?

Xhud: Rajtu darba fit-two thousand and ten (2010) u darb fit-two thousand fifteen (2015).

Pros: U bejn il-perjodu tat-two thousand and ten (2010) u t-two thousand fifteen (2015) inti ghidt ghid li rajt a decline ha nghidu hekk in his condition hux hekk?

Xhud: Ezatt deterioration I believe ehe.

Pros: Issa allura meta naraw illi hemm deterioration hem xi medicini li wiehed jista jiehu, jiena smajtek tghid illi dana rrifjuta illi jiehu medicini?

Xhud: L-ewwel istanza kont irrikmandajtlu pero' ma kontx ergajt rajtu, meta mbaghad rajtu wara t-tieni darba, hafna wara, ghamilt nota l-ewwel nett illi sadanittant kien baqa' f'kuntatt mat-tabib tiegu, jigifieri ma kienx sparixxa, jien ma kontx ergajt rajtu pero' t-tabib tieghu kien baqa' jarah. In-nota li ghandi, li ghamilt hija li hu mill-medicini, kif hawn hafna nies jibza hafna, jigifieri m'ghandniex mija fil-mija pero' ghandi niddeduci li ma hadhomx il-medicini li kont tajtu l-ewwel darba.

Pros: U kienu preskritti dawn il-medicini?

Xhud: Jiena kont preskrajtlu, l-ewwel darba kont ipperskretajtlu.

Pros: Wara li kont rajtu, jekk m'iniex sejjer zball, kien March.

Xhud: March two thousand fifteen (2015) yes.

Pros: Hu baqa' f'kuntatt mieghek, rega gie jarak?

Xhud: No, no, no.

Qorti: Fit-two thousand fifteen (2015) hu gie minn jeddu ma qallek per ezempju jekk qallux it-tabib?

Xhud: Ghandi nota fic-certifikat, it-tabib tieghu kien qalli biex narah ghax kien sejjer lura.

Qorti: Hekk hawn u inti ghid f'Marzu?

Xhud: I believe so f'March two thousand fifteen (2015).

Pros: Xejn iktar minn naha tieghi Sinjura Magistrat."

Rat illi l-imputat irtira tali ammissjoni biss fil-konfront tal-ahhar akkuza u cioe` taht l-Artikolu 127 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll wara li rat is-sitwazzjoni fizika u psikologika tal-imuptat thoss li m'ghandhiex timponi piena ta' karcerazzjoni effettiva;

A rigward l-ahhar akkuza u cioe` dik taht l-Artikolu 127 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti thoss li ma gietx ippruvata u dan stante li minn imkien ma rrizulta li kien hemm xi serq ta' xi fondi pubblici mill-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 30, 31, 42(a)(B)(d), 108(1), 115(c), 185(1), 188, 337C(1)(g), 337F(2), 467(2) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputat Francis Catania hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin b'dan illi tpoggih taht Ordni ta' Supervizjoni ghal dan il-perijodu, flimkien ma' multa ta' ghaxart'elef Ewro (€10,000), inkwantu ghat-tielet (3) akkuza filwaqt li tilliberah mis-sitt (6) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti qed timponi wkoll Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) li ghandu jifforma parti integrali minn is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna komunika lid-Direttur tal-Probation Services u Parole bl-Ordni ta' Trattamanet u ta' Supervizjoni.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**